# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**IMHALLEF**
**ONOR. JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.**

Appell Nru. 107/2002

Il-Pulizija
(Supt. Bertu Mula)
Vs
Benjamin Muscat

Seduta tal-Erbgha 10 ta' Lulju, 2002

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) Fit-3 ta' Dicembru, 2000 ghall-habta ta' 00.20 a.m. bhala persuna li f'ismu ghandu licenzja tal-Pulizija sabiex jiggestixxi l-'Palazzo Pescatore' fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar daqq u/jew xort'ohra ppermetta d-daqq ta' muzika fl-imsemmi post wara l-11 p.m. minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
2) u talli bil-lejl kiser il-mistrieh tal-abitanti bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor.

Bit-talba lil dik il-Qorti illi, f'kaz ta' htija minbarra li taghti l-piena applikabbli ghal dawn ir-reati jogghoba li torbot lil hati, jekk jkun hemm il-lok, li jnehhi l-inkonvenjent li bih saru l-kontravenzjonijiet, jew, skond ic-cirkostanzi, li jessegwixxi l-ligi fi zmien sufficjenti moghti lilu, ghaldaqstant kif jigi stabbilit mill-Qorti u jekk il-hati jonqos li jesegwixxi dik l-ordni fi zmien hekk lilu moghti, jehel piena ta' mhux izjed minn LM 2 ghal kull gurnata li l-kontravenzjonijiet jkomplu wara li jaghlaq iz-zmien hawn fuq imsemmi, finalment il-Qorti qieghda tigi mitluba ukoll li minghajr hsara tad-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, li tordna jew tawtorizza is-sospenzjoni jew it-thassiar, jew l-iskwalifika milli jzomm jew jikseb xi licenzja, permess jew awtorita' ohra mahruga mill-Gvern wara li l-imputat jigi iddikjarat hati ta' dawn ir-reati kriminali, li saru fl-esercizju jew dwar esercizju ta' xi professjoni, arti, negozju, vokazzjoni jew xoghol iehor li ghalihom ikun hareg jew jista jinhareg licenzja, permess jew awtorita' mill-Gvern, jew bl-uzu jew permezz ta' xi ghodda, vetturi jew oggetti jew kull haga ohra li tkun, li biex tinzamm jew tintuza, tkun inharget licenzja, permess jew awtorita' f'ismu, li barra milli tikkundanna l-persuna li giet misjuba hatja, kif intqal qabel xi piena mahsuba fil-ligi ghar-reati, tordna li tkun skwalifikata milli jkollu jew jikseb ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq, dik il-licenzja, permess jew awtorita'.

Rat is-sentenza tal-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 t'April, 2002, li biha, wara li rat Regolament 22 (1) G.N. 392 tal-1929, G.N. 846/1949 kif amendat, Art. 338 gg Kap 9, Kap 128, 41(b) u 319 Kap 10 u 338(m) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat li qed issib lill-imputat hati u ikkundannatu ghal hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin liri Maltin (LM25) fuq l-ewwel akkuza u amenda ta' ghaxar liri Maltin (LM10) fuq it-tieni akkuza. Ai termini tal-art. 321 tal-Kap 10, iskwalifikat lill-imputat milli jkollu jew jottjeni xi licenzja dwar daqq ta' muzika ghal zmien sena mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti minnu pprezentat fis-6 ta' Mejju 2002 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara l-appellant mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tilliberah minn kull htija u piena skond il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant , senjatament dak li l-piena inflitta fuq l-appellant ai termini tal-art. 321 tal-Kap.10 tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-ewwel Qorti skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew jottjeni xi licenzja dwar daqq ta' muzika ghal zmien sena mid-data tas-sentenza hija bla ebda bazi legali peress li l-istess artikolu 321 tal-Kap 10 ma jaghti imkien awtorita' lill-Qorti u lanqas jipprovdi li tinfliggi tali piena ta' skwalifika u li minghajr pregudizzju fi kwalsiasi kaz din il-piena hija eccessiva fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz .

Semghet ix-xhieda tas-Supratendent Bertu Mula u tal-appellant ;

Semghet it-trattazzjoni ;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-27 ta' Gunju, 2002 li bih il-Prosekuzzjoni iddikjarat li taqbel li s-sospensjoni tal-licenzji ai termini tal-artikolu 321 tal-Kap. 10 mhux applikabbli f'dan il-kaz ghaliex il-ligi f' dak l-artikolu ma tipprovdix ghal sospensjoni tal-licenzja ;

Rat l-verbal li bih L-Avukat Difensur tal-appellant , fil-prezenza tal-istess appellant konsenzjenti, in vista ta' dik id-dikjarazzjoni , illimita l-appell tieghu ghas-sospensjoni tal-licenzja tad-daqq u ceda l-appell in kwantu jirrigwarda s-sejbien ta' htija u l-kundanna ghall-ammenda li hemm fis-sentenza appellata ;

Rat in-nota ta' cessjoni tal-appell fis-sens kif fuq intqal ;

Ikkunsidrat ;

Illi stante li l-appell fir-rigward tal-htija u l-kundanna ghall-hlas tal-ammenda relattiva issa gie cedut jibqa' biss il-kwistjoni sollevata mill-appellant fir-raba' aggravju tieghu u cioe dak dwar li l-artikolu 321 li espressament ai termini tieghu il-Qorti skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew jottjeni xi licenzja dwar daqq ta' muzika ghal zmien sena .

Illi kif del resto lejalment qablet il-Prosekuzzjoni , huwa ovvju li l-art. 321 tal-Kap.10 invokat espressament mill-ewwel Qorti fl-iskwalifika tal-appellant mill-licenzji tieghu imkien fid-diversi subincizi tieghu ma jsemmi remotament xi poter tal-Qorti li tordna skwalifika tali imma jittratta biss dwar it-tnehhija ta' xi inkonvenjent li bih tkun saret il-kontravvenzjoni u l-mod li dan l-inkonvenjent ghandu jitnehha u x'jigri meta ma jitnehhiex fiz-zmien ordnat mill-Qorti u min ibaghti l-ispiza ghat-tnehhija tieghu .

Illi se mai huwa l-artikolu 320 tal-Kap.10 li jsemmi is-setgha tal-Qorti li thassar jew izzomm licenzja ta' nies tal-hwienet , bejjiegha jew ta' nies ohra li jahdmu arti , sengha jew xoghol iehor b'licenzja moghtija mill-awtorita' kompetenti . Imma dan jista' jsir biss fil-kaz ta' recidiva ghall-kontravvenzjonijiet maghmula minn dawn in-nies meta dawn il-kontravvenzjonijiet ikollhom x'jaqsmu max-xoghol ta' l-arti , sengha jew xoghol iehor . Illi dan l-artikolu mhux biss ma giex citat fis-sentenza appellata, izda gew citati l-artikolu precedenti 319 li jsemmi biss sospensjoni ta' licenzji ta' vetturi f'kaz ta' uzu tal-vetturi ghar-rimi ta' skart u sospensjoni tal-licenzji ta' kaccaturi u l-art. 321 kif fuq spjegat . U se mai ukoll anki kieku seta' gie citat l-art. 320 - li ma giex - id-dispozizzjoni tieghu tiskatta biss f' KAZ TA' RECIDIVA , haga li f' dan il-kaz la hi allegata , la gie akkuzat biha l-appellant u , inqas u inqas , saret il-prova taghha.

Illi pero ' din il-Qorti osservat illi it-talba li saret mill- Prosekuzzjoni tidher li hija bazata kwazi "ad litteram" u testwalment fuq dak li jipprovdi l-Art.30 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u li taht dan l-artikolu tal-Kodici Kriminali tali sospensjoni tista' tinghata mill-Qorti li tkun sabat htija .

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi taghha kontra l-istess appellant odjern tat-28 ta' Gunju , 2002 , "tali riferenza zbaljata ma ggibx in-nullita' tas-sentenza appellata . L-art. 382 tal-Kap. 9 jirrikjedi li Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali jkun fiha "inter alia" l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat u mhux l-artikolu tal-ligi LI JIKKONTEMPLA L-PIENA. Issa is-sentenza kjarament tindika , fost artikoli ohra , l-art. 338 (gg) tal-Kap.9 ghal dak li jirrigwarda ir-reat kontemplat fl-imputazzjoni dwar id-daqq tal-muzika wara l--11 p.m. Huwa car ukoll illi bit-talba ghas-sospensjoni jew skwalifika tal-licenzja kif migjuba mill-Pulizija fic-citazzjoni , il-Prosekuzzjoni kienet qed invoka l-art. 30 tal-Kap.9 li effettivament jaghti s-setgha lill-ewwel Qorti li , fic-cirkostanzi kontemplati fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) ta' l-imsemmi Art. 30 tiswalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja kif hemm imsemmi. Fi kliem iehor l-ewwel Qorti KELLHA s-setgha li tiskwalifika lill-appellant mill-licenzji dwar daqq ta' muzika ; dak li gara kien sempliciment li , evidentement bi zvista , il-Qorti tal-Magistrrati ccitat artikolu tal-ligi flok iehor. Dan , pero' kif inghad ma jgibx ghal xi nullita' fis-sentenza . Il-piena applikata - s-sospensjoni tal-licenzja - kienet wahda li l-ewwel Qorti setghet legalment tinfliggi fic-cirkostanzi tal-kaz u l-fatt li gie kkwotat artikolu b'iehor , b'riferenza ghall-piena (mhux ghal fatti li jammontaw ghar-reat) ma jgibx bhala konsegwenza li dik il-parti tas-sentenza , fejn si tratta dwar is-sospensjoni tal-licenzja ghandha necessarjament tigi varjata ."

Illi umbaghad din il-Qorti , bhal Qorti diversament preseduta , ma tarax li l-periodu tas-sospensjoni kien xi mod eccessiv , kif lamentat fir-rikors tal-appell , specjalment meta wiehed iqis il-frekwenza tar reat anki kif jirrizulta mill-processi l-ohra li qed jigu decizi illum u li gew decizi fis-seduti tas-27 u 28 ta' Gunju, 2002.

Ghal dawn il-motivi , l-appell qed jigi respint u , salv dak li inghad hawn aktar 'l fuq dwar l-artikolu korrett tal-Ligi , is-sentenza appellata qed tigi konfermata .

Joseph G. Galea Debono 10.07.2002